22002D0167

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 167/2002

tas-6 ta' Diċembru 2002

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta dan il-Ftehim, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX għall-ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru. 103/2002 tat-12 ta' Lulju 2002 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2001 dwar ir-riorganizzazzjoni u l-likwidazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara punt 16b (Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta' l-Anness IX għall-Ftehim:

"16ċ. **32001 L 0024**: Id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2001 dwar ir-riorganizzazzjoni u l-likwidazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 125, tal-5.5.2001, p. 15)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2001/24/KE, fl-ilsna ta' l-Islanda u tan-Norveġja, li se tiġi ppubblikata fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2002, b'kondizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 298, tal-31.10.2002, p. 19.
([2]) ĠU L 125, tal 5.5.2001, p. 15.
(*) Indikati obbligi kostituzzjonali huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Diċembru 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kjartan JÓHANNSSON